MALTA

# QORTI CIVILI, PRIM AWLA
# MALTA

## ONOR. IMHALLEF
## PACE RAYMOND C.

Seduta tas-7 ta' Jannar, 2003

Citazzjoni Numru. 522/2002/1

**Diane Erasmi**

**vs**

**Dr Vincent Galea u l-PL Louise Tufigno li b'digriet tat-22 ta' Mejju 2002 gew nominati bhala kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-Ronald Erasmi assenti minn Malta**

**Il-Qorti,**

**<u>I. PRELIMINARI.</u>**

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-attrici bdiet proceduri quddiem is-Sekond Awla tal-Qorti Civili (numru 887/02) kontra zewgha Roland Erasmi assenti minn Malta, sabiex hija tigi fdata bil-kura u kustodja esklussiva taz-zewgt itfal minuri Renee' ta' erba' snin u Kyra ta' tlett snin, liema rikors ghadu ma giex appuntat ghas-smiegh;

Illi l-kontendenti ottenew minn Qorti kompetenti fil-Germanja id-digriet tad-divorzju taz-zwieg taghhom u sussegwentament l-attrici giet Malta biz-zewgt it-tfal maghha, fejn it-tfal ihossuhom aktar komdi u stabbli u fejn it-tfal ser jibdew il-fazi edukattiva taghhom u gja jidhru illi integraw tajjeb fl-ambjent taghhom f'Malta ma' ommhom l-attrici;

Illi l-konvenut assenti huwa ta' nazzjonalita' Tedeska u fil-fatt ighix u jabita fil-Germanja, pero' ghandu konoxxenza tajba tal-gzejjer Maltin billi gie Malta diversi drabi qabel u waqt iz-zwieg tieghu ma' l-attrici;

Illi l-konvenut assenti minn Malta okkazjonalment jigi Malta sabiex jara t-tfal tieghu, xi haga illi l-attrici ma ghandiex oppozizzjoni ghaliha, purche' illi jkun assikurat illi t-tfal ma' jinhargux minn Malta;

Illi minhabba tali biza' l-istess l-attrici intavolat, fil-25 ta' April 2002, il-proceduri relattivi kontra l-istess konvenut sabiex tottjeni Mandat ta' Inibizzjoni biex iwaqqaf lill-konvenut milli jiehu lil minuri Renee' u Kyra barra minn Malta, b'talba illi d-digriet relattiv jigi notifikat ukoll lill-Kummissarju tal-Pulizija, lill-Ufficcjal Ewlieni tad-Dwana u kif ukoll lill-Ufficcjal Ewlieni fl-Ufficcju tal-Passaporti u dak fl-Ajruport Internazzjonali ta' Malta, (rikors numru 890/02);

Illi l-istess attrici ghalhekk talbet li l-konvenut jghid ghaliex m'ghandiex din l-Onorabbli Qorti ghar-ragunijiet fuq premessi:

1. Tikkonferma l-Mandat ta' inibizzjoni numru 890/02 u tinibixxi lill-konvenut permanentament milli jiehu jew jippermetti li jiehu lill-imsemmi minuri Renee' u Kyra barra minn Malta, u dana sabiex ikunu protetti d-drittijiet pjieni ta' l-attrici.

2. Tordna illi din is-sentenza definittiva tkun notifikata lill-Kumissarju tal-Pulizija, lill-Ufficcjal Ewlieni tad-Dwana ta' Malta u lill-Ufficcjal Ewlieni fl-Ufficcju tal-Passaporti u dak fl-Ajruport Internazzjonali ta' Malta.

BI-ispejjes, komprizi dawk tal-Mandat ta' inibizzjoni numru 890/02 kontra l-konvenut li huwa minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici u l-lista tax-xhieda a fol 3 u 4 tal-process;

Rat id-digriet tal-Qorti tat-22 ta’ Mejju 2002 fejn gew appuntati Dr Vincent Galea u l-PL Louisa Tufigno bhala Kuraturi Deputati biex jirrapprezentaw lill-konvenut assenti (fol 5 sa 9 tal-process).

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet a fol 15 fejn gie eccepit:

1. Illi huma mhux edotti mill-fatti tal-kaz u ghalhekk jirriservaw minn issa d-dritt taghhom li jressqu dawk l-eccezzjonijiet opportuni fi stadju ulterjuri.

2. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni, l-lista ta’ xhieda u d-dokumenti esebiti a fol 15 sa 17 tal-process;

Rat il-verbali tal-31 ta’ Ottubru 2002, tas-26 ta’ Novembru 2002 fejn inghata digriet tal-affidavit lill-attrici ta’ 20 jum u l-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-7 ta’ Jannar 2003.

Rat in-nota tal-attrici tas-16 ta’ Dicembru 2002 fejn gie prezentat l-affidavit taghha stess.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

**II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>**

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-attrici ghandha permezz tad-Digriet tas-Sekond’Awla tal-Qorti Civili numru 1119/02 l-kura u l-kustodja tal-istess minuri ndikati fic-citazzjoni attrici u nonostante li l-konvenut assenti ghandu access ghall-istess minuri hawn Malta, u dan kull meta jigi, l-

istess konvenut gieli insinwa mal-attrici li l-istess ulied ghad jehodhom mieghu l-Germanja fejn huwa jghix ma' persuna ohra, wara li l-kontendenti ddivorzjaw minn xulxin.

Illi jidher li l-istess minuri ntegraw sew fl-ambjent Malti, kemm mal-attrici, famljari taghha u kemm fl-iskola, u ghalhekk li jigu traslokati mill-istess pajjiz ghall-post iehor jista' jikkawza hsara lill-istess minuri, u ghalhekk f'dan l-istadju u f'dan l-istat ta' provi t-talbiet attrici ghandhom jigu milqugha.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati nkwantu l-istess huma nkompatibbli ma' dak hawn deciz, **tilqa' t-talbiet attrici** b'dan illi:-

(1) Tikkonferma l-Mandat ta' Inibizzjoni numru 890/02 u tinibixxi lill-konvenut milli jiehu jew jippermetti li jiehu lill-imsemmi minuri Renee' u Kyra barra minn Malta, u dan kemm sabiex jkunu protetti d-drittijiet pjieni ta' l-attrici, izda iktar u iktar sabiex jigu protetti d-drittijiet tal-ulied minuri, u fl-interess massimu tal-istess minuri, u din id-decizjoni ghandha tibqa' *in vigore* sakemm l-istess minuri jsiru maggorenni, salv jekk xi parti tigi awtorizzata li tiehu l-minuri barra minn Malta b'Digriet jew Decizjoni *ad hoc* tal-Qorti kompetenti Maltija, u biss ghar-ragunijiet u ghat-termini li jigu specifikati fl-istess decizzjoni.

2. Tordna illi din is-sentenza definittiva tkun notifikata mill-attrici lill-Kumissarju tal-Pulizija, lill-Ufficcjal Ewlieni tad-Dwana ta' Malta u lill-Ufficcjal Ewlieni fl-Ufficcju tal-Passaporti u dak fl-Ajruport Internazzjonali ta' Malta.

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-Mandat ta' inibizzjoni numru 890/02 kontra l-konvenut, b'dan li l-kuraturi deputati ghandhom jithallsu skond il-ligi.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**7 ta' Jannar 2003**

**Josette Demicoli.**
**Deputat Registratur.**
**7 ta' Jannar 2003**